KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Settembru 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbgha u Ghoxrin (24) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbgha u Ghoxrin (24) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru 2013 fit-3.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Latrina Hdejn il-Klabb Bocci Floriana
10. Jum Dinji tat-Tfal
11. Evalwazzjoni ta Offerti
12. Traffiku u Parkegg
13. Gnien Herbert Ganado
14. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
15. Subways ta' Triq Sant'Anna
16. Genna ta` Gonna…U Hafna aktar!
17. Gnien il-Mall
18. Bus Stop fi Triq San Frangisk.
19. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
20. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Erbgha u Ghoxrin (24) Laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Is-Sindku Nigel Holland qara d-dikjarazzjoni tal-Vici Sindku fejn kien qed jitlob li jigi skuzat minhabba ragunijiet ta' safar, dan wara li talab li tigi postposta il-laqgha, liema talba ma setatx tintlaqa' minhabba ragunijiet legali.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnejn u ghoxrin (22) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 3.1.3 fejn ghandu jaqra "ressaq proposta ghall-approvazzjoni..." u jizdied il-kliem "Is-Sindku uza l-casting vote..."

1.3. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4. Il-minuti tat-tlieta u ghoxrin (23) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 18.12 fejn ghandu jizdied il-kliem "Is-Sindku uza l-casting vote..."

1.6. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.4 (22) fejn saqsiet jekk il-kuntratt tal-Perit kienx gie tterminat. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-materja kienet ser tigi trattata mal–evalwazzjoni tal-offerti.

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 23.6 (22) u saqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi dwar il-kawza ta' Justin Attard. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien tkellem mal-Avukat tal-Kunsill, gew preparati id-dokumenti mitluba sabiex jipprocedi bil-kawza.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (22) u saqsa jekk kienx sar it-tindif tal-bankina. Is-Sindku wiegeb li l-bankina kienet tnaddfet izda l-problema tal-hamiem kienet ghadha qed tippersisti. Is-Sindku qal li l-ahjar soluzzjoni tkun it-twahhil ta' spikes sabiex il-hamiem ma jkunx jista' jsorgi u qal li kellu jissuggerixxi l-idea lill-Arcipriet.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 14.2 (22) u saqsa jekk kinietx inzammet il-laqgha. Is-Sindku wiegeb li l-laqgha kienet intalbet. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li kien informat li kienu nghataw l-istruzzjonijiet mill-Financial Controller tal-MTA sabiex jinhareg il-pagament dovut lill-Kunsill.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal-latrina ta hdejn il Kalbb Bocci Floriana, u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja kienet fuq l-agenda u kellha tigi diskussa iktar tard. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li hi kienet hadet hsieb din il-materja u kienet tkellmet ma' min hu kkoncernat.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 23.5 (22) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-laqgha li kellha ssir kienet giet posposta u kienet intalbet laqgha ohra mal-Economics Crimes Unit. Is-Sindku qal li eventwalment kien gie nformat li l-materja kienet f'idejn l-Ispettur Roderick Zammit. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm diversi tentattivi biex jigi ikkuntatjat l-ispettur izda bla success u ghalhekk informa li kien ser jaghti cans jumejn u f'kaz li ma jinghatax appuntament ghal-laqgha, kien ser jikkuntattja lill-Kummissarju. Is-Sindku qal li dan kien kaz

kriminali u ghalhekk kellu jittiehed b'serjeta'.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 24.2 (22) u saqsa jekk kienux ittiehdu passi. Is-Sindku wiegeb li dawn kienu gew informati u li kienu anke ntalbu kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlobhom kwotazzjoni bil-miktub halli jkun hemm riferenza.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 25.2 (22) u saqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien hemm l-ebda zviluppi.

2.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.1 (22) u nformat li l-ittra lill-Dr Galdes kienet intbaghtet u ghandha tiltaqa' mal-persuna inkarigata sabiex jigu diskussi l-post u l-izviluppi.

2.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.1 (22) u nformat li hi kienet ivverifikat u kienet giet informata li l-qbid tal-hamiem ma kienx kontra l-ligi u kien hemm anke kunsilli ohra li kienu qed jaghmlu dan.

2.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.2 (22) u nformat li l-laqgha saret u li s-siteplan kienet intbaghtet lil Carlos Bugeja. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet ukoll li l-attivita' kellha ssir f'Genna ta' Gonna kif gie diskuss precedentement.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.3 (23) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward il-live streaming. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienet tfaccat problema minhabba li l-ligi tghid li ma jistax jinzamm rekordjar tal-laqghat hlief ghall-iffacilitar tal-minuti filwaqt li fid-dokument tat-tender kien qed jitlob li jsir recording tal-laqgha li jkun on demand. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien informar lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar din l-indiskrepanza u kien qed jistenna twegiba. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi billi johrog sejha ghall-offerti skont it-tender ipprovdut mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

2.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.5 (23) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar it-twahhil ta' bollards. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien talab lill-Perit sabiex japplika ghal DNO izda l-Perit kienet qed issostni li ghandha ssir Full Development Notification.

2.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.6 (23) u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku Nigel Holland informa li l-proceduri legali kienu nbdew.

2.15 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.7 (23) u saqsa jekk kinietx saret it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kienx informat li kellu jaghmel din it-talba u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel rikjesta minnufih.

2.16 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.3 (23) u saqsa jekk kienux inghataw permess. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghad ma kien hemm l-ebda twegiba.

2.17 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.6.2 (23) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku wiegeb li kienet ghadha ma ngrabret l-ebda kwotazzjoni ghal din l-istatwa.

2.18 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 10.1.4 (23) u saqsa jekk kinietx giet ordnata. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet giet ordnata skont id-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha straordinarja.

2.19 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 15.1 (23) u saqsa dwar il-byelaws tal-faccati. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-bye laws kienu gew iccirkolati.

2.20 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 17.4 (23) u saqsa jekk kienx hemm konferma. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja kienet fuq l-agenda u ghalhekk

ghandha tigi diskussa iktar tard.

2.21 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 19.6 (23) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din kienet twaqqfet minhabba li d-data tal-iskadenzi kienet fil-vicin hafna.

2.22 Il-Kunsillier Edward Torpiano ghamel riferenza ghall-materja nru 3.4 (23) u saqsa jekk il-Kunsill jistax jibghat konferma. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg in-No Objection mill-Kunsill.

2.23 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fakkret fl-Assemblea Generali Furjaniza. Is-Sindku talab lill-kunsillieri biex sal-ahhar tal-gimgha, jahsbu f'suggetti li ser ikunu qed jitkellmu dwarhom u jinformawh b'meta ser ikunu qed jaghmlu d-diskors taghhom.

## <u>3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal approvazzjoni minn Transport Malta, ta' *keep clear* fi Triq il-Kapucicni u qal li l-ispazju huwa ta' dimensjonijiet zghar wisq. Is-Sindku qal li kien ser jikkuntattja lir-resident biex jivverifika it-talba li saret lil Transport Malta min-naha taghha.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vici Sindku Matthew Paris fejn talab li l-laqgha tal-Kunsill tigi posposta ghall-gurnata ohra (Kif indikat fil-dikjarazzjoni moqrija fil-bidu tal-laqgha.) Is-Sindku qal li skont il-ligi, il-laqgha tal-Kunsill ma tistax tigi posposta ghall-gurnata ohra ladarba diga jkun hemm qbil dwar data u hin.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-gbir tal-bulky refuse mill-Iskola Primarja u saqsa jekk il-Kunsill ghandu joffri dan is-servizz lil entitajiet governattivi ladarba dawn kellhom is-servizz tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni ghandha tivverifika. Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja kienet importanti specjalment issa ladarba l-Kunsill kien ser ikollu kuntrattur gdid bi procedura differenti.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Prim Ministru fejn informa lill-Kunsill li l-parking area tal-Arena tal-Indipendenza kienet ser jinghatalna minghajr ma specifika lil-min. Is-Sindku qal izda, li l-Prim Ministru jaf li r-rwol tal-Kunsill Lokali Floriana kien li jappoggjaw lil Floriana FC, u mhux biex jiehdu l-parkegg.. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet tinsab informata li l-Floriana FC kienu ser jiffirmaw it-termini dalwaqt u li kienet informatha mill-Onor. Farrrugia li din iz-zona kienet ser tghaddi ghand il-Floriana FC.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kaz bejn il-kuntrattur Karl De Flavia u resident fil-Floriana. Is-Sindku qara dikjarazzjoni miktuba mill-kuntrattur fejn ta spjegazzjoni ghal dak li kien gara. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jinforma lir-resident b'din l-ispjegazzjoni.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-problema ta l-ilma joqtor fid-dressing rooms u l-ufficini tal-Akkademja ta' Justin Haber. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Akkademja kienet hadet hsieb tiksi l-kamra wara li kienu gew moghtija parir mill-Perit li kien mar janalizza s-sitwazzjoni.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-AFM fejn ipproponew li l-masgar ta' taht is-sur isir parkegg ghall-vetturi. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Environmental Landscape Consortium sabiex iwahhlu xi bins f'Masgar is-Sliem u dan minhabba l-ammont kbir ta' hmieg li qed jithalla min-nies li jiffrekwentaw dan il-masgar. Il-Kunsill qabel.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-majjalata li kienet saret fic-Centru Rikreattiv ir-

Re Gorg V u qal li kienu thallew diversi fdalijiet barra mill-gnien. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien tkellem mal-kuntrattur fejn informah li hu kien hareg l-iskart kollu f'boroz u ma kien rema xejn barra u nforma li l-kuntrattur qallu li dawn il-boroz setghu tqattghu mill-qtates li xerrdu l-fdalijiet.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li tintalab spjegazzjoni lill-kuntrattur Wilson Mifsud ghalfejn ma kinietx tnaddfet iz-zona ta' hdejn il-Vikings Sailing Club minkejja li kien gie nformat. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu spjegazzjoni bil-miktub.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-effett tal-grif tal-bankina ta' Triq il-Kapuccini kien wiehed tajjeb u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jipprocedi bil-kumplament tal-kantunieri, specjalment dawk l-iktar perikoluzi. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda mill-kantunieri l-iktar perikoluzi.

3.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li tintalab kwotazzjoni ghat tindif tal-bankina ta' Triq San Frangisk. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-Kunsill ghandu jipprioritizza minhabba li l-grif tal-bankini ta' Triq il-Kapuccini diga kien ser jigi jammonta ghal hafna.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta mis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jigu llimitati it-tabelli tan-no parking li jinhargu ma' kull permess.

3.13.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx li ghandu jsir limitu ghal kemm il-tabella tinghata minhabba li kuntrattur ghandu jahdem komdu u b'mod sigur.

3.13.2 Izda il-Kunsill qabel li ghandu jillimita kif gej:

Karozza / Vann zghir – Tabella wahda.
Truck – Tabella wahda, massimu ta' tnejn.
Krejn / Lifter / High up / Cherry picker - Tabella wahda, massimu ta' tnejn.
Skip – Tabella wahda.
Permess ghal attivita' – Massimu ta' erba' tabelli.

3.13.3 Il-Kunsill qabel ukoll li tabelli addizzjonali tan-no parking ghandhom ikunu offruti ghall-prezz ta' €1 kull tabella.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn informaw lill-Kunsill bi Ktieb Tezor. Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri Ktieb Tezor bhalma sar fi snin ohra.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-TCTC fejn offrew lill-Kunsill korisjiet tal-Ikids u korsijiet ohra ghall-adulti. Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera responsabbli ghandha tkellem lit-TCTC sabiex titlob tnaqqis fil-prezz bhalma jsir issoltu minhabba li l-lokalita hija wahda zghira.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland informa li kienu ser jinzammu l-MOC Sports Award. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza rigward il-vaccine campaign. Il-Kunsill qabel li m'ghandux japplika ghal dan ladarba dan il-vaccin jinghata fil-health centre tal-lokalita'.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-kumitat tal-Floriana FC fejn talbu li jibdew jaghmlu uzu mill-picc tal-KGV. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlobhom iktar dettalji bhal gurnata u l hin li xtaqu jaghmlu uzu mill-picc.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq risposta minghand il-kuntrattur Karl De Flavia ghad-default notice moghtija lilu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika r-ragunijiet moghtija.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland informa bid-donazzjoni ta' sigar. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dawn ma jistghux jigu mizrugha fi Gnien Sir Luigi Preziosi minhabba li hafna residenti jgergru peress li s-sigar joghlew u jghattu l-veduta. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dawn ma setghux jinzraw fil-housing estate minhabba li l-hamrija ma kinietx gholja bizzejjed. Ghalhekk ser jinzerghu gewwa Gnien il-Mall.

**Nota: 16:35 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi temporanjament sospiza.**
**16:45 Il-laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienux inbieghu xi pubblikazzjonijiet tal-Kunsill fil-Car Free Day. Is-Sindku wiegeb li kien inbiegh ammont sostanzjali.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienux intbaghtu xi green wardens fi Triq Pietro Floriani. Is-Sindku wiegeb li ghandha titressaq it-talba.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill jistax jikteb lill-entitajiet ikkoncernati sabiex jaghtu struzzjonijiet biex il-hmieg taz-zwiemel jibda' jingabar. Il-Kunsill qabel.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal-laqgha li kienet inzammet ma' Dr Jose Herrera u saqsiet x'kien irrizulta. Is-Sindku wiegeb li fil-laqgha kienu gew diskussi diversi materji fosthom il-finanzi tal-kunsilli lokali, il-gwardjani lokali u r-ristawr tal-pitturi ta' Mattia Preti.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill jistax iressaq il-proposta sabiex jizdied id-dawl ta' mas-swar in-naha tal-Port il-Kbir lil Dr Jose Herrera. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil Dr Jose Herrera rigward dan.

4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-bankini ta' Triq l-Imhazen u saqsiet jekk il-Kunsill jistax jibghat lill-haddiema sabiex ikahhlu l-istess bankini. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-haddiema tieghu.

4.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm hofra kbira fi Triq il-Kapuccini u kien hemm bzonn li din tigi rrangata. Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post u jivverifika x'jista' jsir.

4.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet dwar jekk kienx hemm xi zviluppi fil-progett ta' tisbih tal-housing estate. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-iskemi ta' tisbih kienu twaqqfu mill-Gvern ghalissa izda kien informat li s-sena d-diehla kienu ser isiru l-progetti li kienu diga gew approvati.

4.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet x'kien irrizulta mil-laqgha li nzammet mal-kumpanija Aurelia Enforcement Ltd. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rrakontat ukoll accident li kien gara l-gimgha ta' qabel u sostniet li l-gwardjani lokali ghandhom jimxu ma' kulhadd l-istess. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din il-materja qeghda fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa iktar tard.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti u minuti tal-kumitati / sotto kumitati.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghall-bzonn li ssir lista up to date tas-sottokumitati u l-kumitati kollha li gew approvati matul id-diversi laqghat tal-Kunsill.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lil kull kunsillier biex jevalwa liem sotto kumitat kien ippropona u liem minnhom kienu qed jiffunzjonaw.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien hemm bzonn li tinhareg ittra ufficjali lil kull membru tal-kumitati u sottokumitati li gew accettati mill-kunsill.

## <u>6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill</u>

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## <u>7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 82-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili infurmat li nel frattemp kienet ikkonfermat mat-TCTC li l-Kunsill ser jigi moghti kors iehor, b’xejn, ma dawk offruti fil-korrispondenza moqrija iktar kmieni. Ghalhekk ressqet mozzjoni sabiex mal-iskeda jizdied il-pagament lit-TCTC biex jigu organizzati korsijiet tal-kompjuter (tnejn fix-Xitwa u wiehed fis-Sajf), issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Il-Kunsill qabel b’mod unanimu.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-pagament nru 4 u ghalfejn kienet tammont ghal tant. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-somma kienet wahda ghalja ghax kienet tinkludi wkoll refilling tat-toners tal-printers.

7.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni ghal darb’ohra biex il-Kunsill jixtri minghand stationeries differenti fil-lokalita’ u mhux dejjem minghand l-istess wiehed. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li diga kienu nxtraw xi affarijiet minghand stationery iehor.

7.5 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni li kien hemm pagament doppju fl-iskeda (pagament nru 9 u nru 83). Il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkancellat pagament minnhom.

7.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-pagament nru 51. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kellu ftehim mal-Gvern biex id-dawl iggenerat mill-photovoltaic panels li ma jintuzax jinbiegh lill-Gvern. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jinsab ikkoncernat minhabba li wara audit li sar, jidher li l-kunsill tal-Floriana kellu konsum tad-dawl esagerat u ghalhekk kien hemm bzonn li wiehed jara x’jista’ jsir.

7.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagamenti mahruga lill-kmamar tan-nar. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn ma kienux il-partecipanti kollha minhabba li mhux kollha kienu baghtu l-invoice u qal ukoll li s-somma mhallsa kienet biss nofs dak li hu dovut lilhom.

7.8 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11545 sa 11631, bir-rizultat:

Favur: 4 (ET, DSH, NH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.9 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata

mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**24/1 –** *Wara  kuntatt ma AudreyTestaferrata Denoto qed inressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob formalment li titranga ir-rampa ta' taht il-logog ta Triq Sant'Anna kantuniera ma triq San Tumas*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________
Datata – 14 ta` Settembru 2013

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li fil-governanza precedenti, kienet saret rampa wahda minn ta taht il-logog. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li kienet tkellmet ma' Audrey Testaferrata de Noto li kienet talbet li t-talba tintbaghat formalment lilha. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet ukoll li din ir-rampa ma kinietx konformi mal-ispecifikazzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabilta' u ghalhekk kien hemm bzonn urgenti li din titranga.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili favur it-talba formali biex titranga r-rampa fi Triq Sant'Anna, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, NH , ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

**24/2 –** *Peress li bil-kuntratt il-gdid tal-Gbir ta` Skort Goff il-kuntrattur mhux se jithallas tan-numru tal-oggetti migbura (Kull gabra/2 oggetti), nipproponi li l-Kunsill ghandu jaccetta talbiet meta xi household jkolla aktar min zewgt oggetti.*

Proponent – Vince Borg ________________________
Datata – 16 ta' Settembru 2013

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li stante li l-Kunsill kien ser jimpjega kuntrattur differenti bi procedura differenti, ihoss li l-Kunsill ghandu jaccetta t-talbiet kollha li jkollu u mhux jillimita ghal kemm-il oggett ghandu jingabar minn kull residenza.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur li l-Kunsill ma jillimitax l-ammont ta' oggetti li jistghu jingabru minn residenza, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, ET, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

## 9.0 Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana

9.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet tkellmet ma' Transport Malta fejn informawha li kienu ser jiehdu f'idejhom din il-latrina u li ser ikunu qed jirrangawha huma.

## 10.0 Jum Dinji tat-Tfal

10.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li nhar it-23 ta' Novembru jkun il-Jum Dinji ghat-Tfal u ghalhekk xtaqet torganizza xi haga flimkien mal-iSkola Primarja ghal din l-okkazjoni.

10.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jekk il-Kunsill jaqbel ghandha tkellem lis-Surmast il-gimgha d-diehla u tinformahom bl-izviluppi.

10.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex tigi organizzata attivita' nhar il-Jum Dinji ghat-tfal.

10.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet biex fl-okkazjoni ta' dan il-jum, jithawwlu xi sigar fl-iskola Primarja. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jakkwista xi pjanti ghat-thawwil.

## 11.0 Evalwazzjoni ta Offerti

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa bi kwotazzjoni li kienet intalbet ghall-injam ghall-bieba tan-nicca tal-Madonna. Is-Sindku qal li kellu zewg kwotazzjoniet: ghal injam oak u ghal injam ahmar.

11.2 Il-Kunsill qabel li ladarba dan l-injam kien ser ikun fuq barra, ghandu jitlob ukoll kwotazzjoni ghal injam iroko peress li dan kien l-ahjar materjal ghal twahhil fuq barra. Jekk id-differenza tkun minima, issir tal-iroka, jekk le, issir tal-ahmar.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienu gew diskussi d-diversi sottomisjonijiet tal-offerti tal-Knis mal-Avukat tal-Kunsill kif kien gie deciz fil-laqgha precedenti.

11.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'dak li kien intqal u dak li rrizulta, u li qed jistenna mill-Accountant tal-kunsill fir-rigward tal-paga minima.

11.5 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jikkonferma r-rata minima tal-pagi qabel ma jiehu decizjoni finali rigward l-ghazla tal-offerti.

11.6 Rigward is-sejha ghall-offerti ghal gbir ta' skart goff, il-Kunsill qabel li ghandu jilqa` l-offerta ta` Dimbros Ltd. minhabba li hija l-irhas offerta bir-rekwiziti kollha.

11.7 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-offerta ta` Dimbros Ltd., issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

11.8 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-iskeda ta' l-offerti sottomessi fis-sena 2012 ghall-servizzi ta' perit, sabiex jintaghazel il-perit il-Gdid wara t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-perit ezistenti.

11.9 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni ta' DHI Periti u dan minhabba li din il-kumpanija kellha l-iktar rati vantaggjuzi, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, DSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.0 Traffiku u Parkegg

12.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li kienet inzammet laqgha mar-rapprezentanti tal-kumpanija tal-gwardjani lokali flimkien mal-Authorised Officer inkarigat mil-lokalita' fejn gew diskussi xi nuqqasijiet tal-gwardjani lokali kif ukoll tal-kumpanija.

12.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ukoll ingibdet l-attenzjoni ta' min hu inkarigat li l-Kunsill ma kienx kuntent li l-gwardjani lokali kienu jintlemhu ta' sikwit bilqeghda fil-barijiet/kazini tal-Floriana, u flimkien.

**Nota: 17:45 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

12.3 Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll li kienet ingibdet l-attenzjoni ghad-diversi ilmenti li f'hafna toroq kien qed isir tidwir tal-arloggi ta' parkegg u li kien hemm bzonn li l-gwardjani lokali kollha jergghu jibdew jiehdu l-hinijiet.

**Nota: 17:48 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

12.4 Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll xi punti ohra li tqajjmu matul il-laqgha bhal citazzjonijiet mahruga fuq karozzi bi pjanci barranin, ecc.

**Nota: 17:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

12.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Authorised Officer kien issuggerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jitnaqqsu l-ammont ta' gwardjani lokali fil-lokalita' jew li jinbidlu l-hinijiet tal-gwardjani lokali u jinbidlu ghal hinijiet b'xift. Is-Segretarju Ezekuttiv semma li l-Authorised Officer kellu jinforma lill-Kunsill bl-ezitu tal-laqgha li kien ser ikollu mar-Regjun Xlokk.

12.6 Il-Kunsillier Vincent Borg semma l-bollards li kienu gew imwahhla fil-parti t'isfel ta' Triq il-Miratur. Huwa kompla billi qal li f'laqgha precedenti kien talab li jsir studju biex wiehed jara liema naha tat-triq hemm l-aktar garaxxijiet u dan sabiex il-bollards jitwahhlu kollha fuq naha wahda.

**Nota: 17:53 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

12.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ladarba issa diga twahhlu, il-Kunsill ghandu jkompli t-twahhil tal-bollards fuq l-istess naha u dan sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni.

12.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir l-ezercizzju propost mill-Kunsillier Borg sabiex jigi ddeterminat ma' liema naha ser jitwahhlu l-bollards.

12.9 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob rendikont tas-somma dovuta lil Kuntrattur Dion Galea mill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra li jitolbu jkompli f'Balzunetta.

12.10 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem dwar it-tkomplija ta' xogholijiet f'Balzunetta fil-laqgha li jmiss.

12.11 Is-Sindku Nigel Holland propona biex nel frattemp ikomplu jinbidlu l-bollards specjalment dawk ta' Triq l-Imhazen.

12.12 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li issa difficli li wiehed jaghmel l-ezercizzju propost ladarba diga kienu bdew jitwahhlu l-bollards. Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk hemm bzonn jergghu jitnehhew xi bollards .

**Nota: 18:05 Il-Kunsill qabel li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.**

12.13 Il-Kunsillier Vincent Borg semma il-kwistjoni ta' tnehhija ta' spazji ta' parkegg riservati minn Harper Lane minghajr ma kien informat il-Kunsill.

12.14 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li minbarra dan, il-poles li xtara l-Kunsill li fuqhom kienu mwahhlin it-tabelli kienu ghosfru.

12.15 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkontesta din l-azzjoni ma' Transport Malta u jikkundana l-azzjoni li saret minghajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

**Nota: 18:07 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat**.

12.16 Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll il-parking illegali li qed isir fuq il-bankina hdejn id-Dar tal-Arcipriet. Il-Kunsill qabel li ghandha titwahhal bollard sabiex jinghalaq l-access ghall-vetturi li jipparkjaw illegalment.

## 13.0 Gnien Herbert Ganado

**Nota: 18:07 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

13.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-Gnien Herbert Ganado u qal li skont il-ligi, dan il-gnien mhux responsabbilta' tal-Gvern Centrali u ghalhekk kellu jiehu hsiebu l-Kunsill.

13.2 Is-Sindku ghalhekk propona li l-Kunsill jitkellem mal-Perit Cachia mill-Public Works jew lill-Ministru Joe Mizzi, rigward dan il-gnien li qieghed fi stat hazin hafna u li snin ilu kienet saret pjata ghat-tisbieh tieghu minn perit tal-gvern.

## 14.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet tkellmet ma' min hu kkoncernat fejn giet informata li ladarba l-Fosos ma kienux jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill, il-Kunsill ma setax jobbliga lill-Enemalta jirrangaw il-fanali ornamentali.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland sahaq li mhux ver li Pjazza San Publju ma taqax taht ir-responsabbilta tal-Kunsill ghax fil-ligi mhux inkluza fil-lista ta` postijiet li huma responsabilta tal-gvern centrali u ghalhekk ser iressaq proposta li il-Kunsill jibqa' jinsisti li jsiru l-fanali ornamentali fi Pjazza San Publju (Il-Fosos) u dan minhabba li din il-pjazza prominenti jixirqilha dawl adegwat.

14.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur din il-proposta, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

FavurL 4 (NH, ET, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: 18:20 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat</u>**.

## <u>15.0 Subways ta' Triq Sant'Anna</u>

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien tkellem mal-Ministru Joe Mizzi rigward ix-xoghol hazin li kien sar fis-subways ta' Triq Sant'Anna. Is-Sindku kompla billi qal li l-Ministru kien talbu biex kull ilment relatat mas-subway jibda' jigi mghoddi direttament lilu.

**<u>Nota: 18:22 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm bzonn li jigi rrangat is-saqaf ghax kien qed joqtor l-ilma. Huwa qal ukoll li l-problema inqalghet mill-ahhar ghoti ta' tarmac li kien sar fi Triq Sant'Anna.

## <u>16.0 Genna ta` Gonna…U Hafna aktar!</u>

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetaht id-diskussjoni billi qal li t-Torri ta' Wignacourt ma kienx ser ikun possibli li jinfetah ghall-attivita' minhabba l-istat hazin li kien fih.

16.2 Is-Sindku qal li l-mina tal-ferrovija kienet ser titnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill sabiex jigu ffrankati iktar spejjez. Is-Sindku kompla billi qal li kienet inqalghet problema rigward il-mina tal-ferrovija minhabba li xi hadd kien biddel il-katnazz u ghalhekk il-Kunsill ma kellux access ghaliha.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien tkellem ma' xi hwienet u stabbilimenti fil-lokalita' sabiex jaghtu donazzjoni zghira ghal reklamar tal-istabbiliment fuq il-flyer zghir li ser johrog fl-okkazjoni tal-attivita'.

16.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li fl-istess flyer, il-Kunsill jinkludi reklam ghall-korsijiet tal-aerobics li kienu ser isiru fil-Kunsill. Il-Kunsilliera Sammut Hili pproponiet ukoll li jitqassam flyer f'kull dar qabel l-attivita'. Il-Kunsill qabel mal-proposti.

## 17.0 Gnien il-Mall

17.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li d-dawl ta' Gnien il-Mall kien ghadu mhux jixghel u qal ukoll li ghalkemm prova jikkuntattja lil Dr Ronald Cuschieri dwar dan, ma kienx irnexxielu jaqbdu.

17.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-Ministru Joe Mizzi dwar din il-materja.

## 18.0 Bus Stop fi Triq San Frangisk.

18.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba mressqa minn diversi residenti furjanizi fejn kienu qed jipproponu li jsir bus stop fi Triq San Frangisk. Huwa qal li fit-talba kien hemm miktub li r-residenti kienu diga tkellmu mal-Arriva fejn informawhom li kien ser ikun hemm bzonn li jitnehhew zewg spazji ta' parkegg mit-triq biex ikun jista' jsir il-bus stop propost.

18.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li skont il-ligi kull bus stop ghandu jkollu spazju riservat u kienet informata li dawk il-bus stops li ma kellhomx kaxxa, kienu ser jitnehhew jew inkella ser ikollu jittiehed spazju ta' parkegg biex ikun jista' jsir il-bus stop.

18.3 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta bil-kundizzjoni li jinghata dikjarazzjoni bil-miktub mir-resident li ghandu r-reserved parking bay f'wiehed miz-zewg spazji ta' parkegg mitlubam li m'ghandux oggezzjoni li r-reserved parkign bay tieghu tinzel ftit aktar l-isfel.

## 19.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

19.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien tkellem ma' Owen Spiteri fejn kien talbu abbozz tal-programm propost ghac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel Sena. Rrizulta li komplessivament l-ispiza kienet se tlehhaq il-€50,000.

19.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien diga tkellem ma' Dr Jose Herrera rigward il-fondi ghal din l-attivita' izda qal li kien informat li kien ghad m'hemm xejn ikkonfermat fir-rigward tal-fondi.

19.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li issa li l-Kunsill jaf is-sitwazzjoni kif inhi, kien hemm bzonn li l-Kunsill jiehu decizjoni finali kif ser jipprocedi. Ghalhekk il-Kunsill propona li tittiehed decizjoni finali fil-laqgha li jmiss.

## 20.0 Aggornament tal-Laqgha

20.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.55.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |